MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2017

Talba Numru: 555/2014 AM3

Numru fuq il-Lista: 18

**Charles Grech & Co Ltd (C2473)**
**Valley Road,**
**Msida**

**Vs**

**E.W. Enterprises Ltd (C2834)**
**123, Lapsi Street,**
**St Julians**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi prezentat mis-Socjeta' attrici fit-13 ta' Awwissu, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed titlob li l-kumpanija konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf mija u disa' ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,109.75c) rapprezentanti prezz ta' prodotti u merkanzija mibjugha u konsenjati lil kumpanija intimata in konnessjoni mal-gestjoni tal-istabbilment bl-isem ta' "Saddles" gewwa San Giljan.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet li s-Socjeta' attrici kienet taghmel reklamar fuq il-faccata tal-istabiliment tal-esponenti u kien jitnaqqas mill-hlas u jsir 'set off' tal-bilanc dovut; li kull sena l-attur kien ikun tard u jiehu sa sitt xhur fis-sena sabiex igedded u jaghmel il-kontijiet ta' sitt xhur; li wara li ghaddew sitt xhur mis-sena 2014 u s-Socjeta' attrici zdiedet l-ammont ta' allokazzjoni tax-xorb u l-partijiet waqfu r-relazzjoni ta' bejniethom u bhala tpattija waqfu jissuplixxu lill-esponenti kif ukoll irtiraw ir-reklamar kollha u ma baqghux ihallsu jew jaghmlu 'set off' meta huma stess ibbukjaw r-reklamar; li ghandu jitnaqqas almenu s-sitt xhur mill-kont tal-ispejjez tar-reklamar jew isir 'set off' rigwardanti r-reklamar waqt li uzaw r-reklamar fuq il-faccata ghal zmien sitt xhur u l-esponenti ghandu jirrizulta li ghandu jaghti ftit bhala bilanc.

A fol 12 et xehdet Jennifer Magro Sales Representative mas-Socjeta' konvenuta responsabbli minn bejgh ta' xorb fuq barra u li s-Socjeta' konvenuta kienet tixtri prodotti minghandhom. Dwar il-ftehim dwar reklamar mas-Socjeta' konvenuta hija kkonfermat li kien hemm dan il-kuntratt li kien jiggedded sena b'sena u li fis-sena 2014 l-kuntratt ma kienx sar izda r-reklamar kien sar u baqa' ghaddej sa Mejju, 2014. Hija kkonfermat li s-Socjeta' konvenuta ma thallsitx tar-reklamar li sar fis-sena 2014. Hija kkonfermat li l-ftehim ma kienx bil-miktub izda kien minn sena ghal sena. Kienet is-Socjeta' attrici li ddecidiet li ma tibqax aktar f'dan il-ftehim ta' reklamar mas-Socjeta' konvenuta u kienet infurmat b'dan lis-Sur Aquilina tas-Socjeta' konvenuta f'Mejju 2014. Bhala parti mill-ftehim li kien hemm fis-snin precedenti mas-Socjeta' konvenuta, ir-reklamar ikun permezz ta' sinjali tal-prodotti li jigu murija fl-istess stabbiliment u kif ukoll xi umbrellel bir-reklamar u li josserva l-bejgh ta' certa kwantita' ta' prodotti f'sena minnhom u wkoll 'digital advertising' mal-faccata tal-istess stabbiliment. Ta' dan ir-reklamar is-Socjeta' konvenuta fis-sena 2013 thallset elf u hames mitt ewro (€1,500) bejn wiehed u iehor.

A fol 16 et xehed Stephen Ellul, General Manager tas-Socjeta' attrici li kkonferma li hlas li kien isir ghal dan ir-reklamar kien billi tinhareg 'credit note' u allura jkun hemm tpaccija. L-ahhar kuntratt iffirmat li kellhom il-partijiet kien tas-sena 2012 ghal perjodu mill-bidu ta' Jannar sal-ahhar ta' Dicembru u pprezenta kopja ta' dan il-kuntratt. Fis-

sena 2014 il-probabilita' hija li ma kienx hemm kuntratt u jekk kien hemm kuntratt fis-sena 2013 ix-xhud wiegeb li kellu jivverifika.

A fol 22 rega xehed Stephen Ellul, li kien hemm kuntratt fis-sena 2013 izda kopja tieghu ma setghux isibu izda prezenti l-'credit note' relattivi ghas-sena 2013 li huma l-pagamenti jew it-tnaqqis li sar fil-hlas dovuti mis-Socjeta' konvenuta ghal dak li jirrigwarda r-reklamar. Fis-sena 2014 huwa kkonferma li ma sar ebda kuntratt u ghalhekk ma nharget l-ebda 'credit note' u ma sar ebda pagament lis-Socjeta' konvenuta. Kopja tal-kuntratt ghal perjodu mill-01 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Dicembru, 2012 esebit a fol 18 et u l-'credit note' a fol 23 et.

A fol 29 et fl-affidavit tieghu Victor Aquilina xehed li ilu jaghmel negozju ma' Charles Grech ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena, sittax-il sena minnhom kienu forma ta' kuntratt biex ibiegh ix-xorb tieghu esklussivament. Is-Socjeta' konvenuta kienet tuza 'Saddles Bar' go San Giljan ghal reklamar tal-prodotti taghhom biss u dan kien jikkonsisti billi wahlu banner fit-tielet sular, poggew umbrellel u board quddiem il-hanut cioe' barra fil-parapett. Il-kuntratt kienu jibdew minn Jannar sa Dicembru. Gara li f'Jannar 2014 huwa kkommunika ma' Jennifer Magro rapprezentant tas-Socjeta' attrici li kienet tmur darba fil-gimgha tiehu l-ordnijiet u meta staqsiha fuq il-kuntratt ghas-sena 2014 hija kienet tghidlu biex jordna izjed xorb biex turi l-kumpanija li l-ordnijiet ghadhom b'sahhithom u b'hekk igeddu l-kuntratt bhas-soltu u hekk ghamel. Izda minkejja dan u minkejja li baqa' marbut bl-esklussivita' il-kuntratt baqa' ma sarx. F'Gunju certu Anthony Cutajar mis-Socjeta' attrici mar ikellmu s-'Saddles' u offrielu kuntratt kumpletament differenti minn dak tas-sena 2013 u s-snin precedenti. Dan il-kuntratt kien jimponilu li jrid jixtri minghand is-Socjeta' attrici sitt mitt flixkun vodka tal-litru fis-sena mentri fil-kuntratt ta' qabel huwa kellu li jird jixtri mitejn u erbghin vodka tal-litru kull sena. Aquilina qallu li zammewh sitt xhur jistenna biex issa marru b'kondizzjonijiet godda u Cutajar rrabja u qalli li bilfors ried jibqa jixtri l-prodotti taghhom hekk kif semmielu li Farsons joffri kondizzjonijiet ahjar.

Meta fl-10 ta' Lulju, 2014 huwa rcieva l-istatement huwa naqqas sitt mija disgha u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€679.15c) ta' riklami li saru fil-proprjeta' tieghu fis-Saddles liema somma huwa hadem fuq il-kuntratt tas-sena ta' qabel.

Huwa pprezenta s-segwenti dokumenti: fol 32 ircevuta ta' Charles Grech tas-26 ta' Gunju, 2014 li turi kreditu ta' zero ta' gbir ta' umbrellel u reklamar mill-proprjeta' tieghu tas-Saddles; fol 33 et l-kuntratt tas-snin 2011, 2012, u 2013 u dak li offrewlu ghas-sena 2014 u li huwa ma accettax, fol 44 ircevuti ta' Charles Grech ta' kemm xtara xorb minghand is-Socjeta' attrici ghal perjodu minn Jannar sa Mejju tas-sena 2014; u fol 45 l-ahhar statement ta' Charles Grech tal-10 ta' Lulju, 2014 li minnha naqqas is-somma ta' sitt mija disgha u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€679.15c). Huwa jikkontendi li s-Socjeta' attrici kien biss fl-ahhar ta' Gunju, 2014 li infurmatu li trid taghmel kondizzjonijiet godda tal-kuntratt, ghandu jithallas pro rata sa dak inhar stante li r-reklamar baqa' ghaddej.

In kontro-ezami Aquilina ammetta li l-ammont huwa dovut izda ma jaqbilx li l-advertising agreement kien skada fil-31 ta' Dicembru, 2013 u dan ghax minn dejjem kienu jigu renewed tant li l-kuntratt kien jigi ffirmat f'Lulju cioe' sitt xhur wara li jkun ilu minn Jannar jigri warajhom. Dwar is-somma ta' sitt mija disgha u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€679.15c) li ddecieda li jnaqqas a bazi tal-kuntratt tas-sena 2013 Aquilina spjega li hadem il-persentagg ghal reklamar li sar fis-sena 2014. Ghalih il-kuntratt ma skadiex ghax dejjem gie renewed tenna x-xhud. Is-somma ta' elf, sitt mija u tletin ewro (€1,630) huwa pagament ta' advertising ghas-sena 2013, u l-credit note f'dan l-ammont huwa ghal dan il-perjodu. Huwa jikkontendi li r-reklamar baqa' jsir sakemm il-kumpanija marru jigbru l-umbrellel, il-banners u xi mbarazz iehor, f'Gunju 2014.

Konsiderazzjonijiet

F'din il-kawza hemm qbil bejn il-partijiet li l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici huwa dovut mis-Socjeta' konvenuta cioe' l-ammont ta' elf mija u disgha ewro u hamsa u sebghin centzmu (€1109.75c); li ma hemmx qbil huwa dwar jekk kienx hemm estensjoni tal-kuntratt li kien jezisti sas-sena 2013 bejn il-partijiet maghruf bhala Trading & Promotional Agreement. Is-Socjeta' attrici tikkontendi li dan skada fl-ahhar ta' Dicembru, 2013 filwaqt li s-Socjeta' konvenuta tikkontendi li l-prassi li kellhom il-partijiet kienet li dawn dejjem gew renewed u l-kuntratt ffirmat f' Lulju cioe' sitt xhur wara u ghalhekk hija tikkontendi li ghandha tiehu minghand l-attur is-somma ta' sitt mija disgha u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€679.15c) kalkulati fuq il-

kuntratt tas-sena 2013 bhala pagament ta' advertising liema pagament kien dejjem isir mis-Socjeta' attrici permezz ta' credit note li kienet tohrog favur l-istess Socjeta' konvenuta.

Illi mill-atti jirrizulta li l-ftehim li kellhom il-partijiet fis-sena 2013 kien validu sal-31 ta' Dicembru, 2013 izda jirrizulta wkoll li r-reklamar is-Socjeta' konvenuta baqghet taghmlu sa meta f'Gunju, 2014 impjegati tas-Socjeta' attrici marru jnehhu l-materjal ta' reklamar wara li l-partijiet ma ftehmux fuq kondizzjonijiet godda li riedet timponi s-Socjeta' attrici sabiex isir ftehim gdid. Jirrizulta wkoll li s-Socjeta' konvenuta ma kienetx mgharfa bil-kundizzjonijiet godda li riedet taghmel is-Socjeta' attrici qabel ma f'Gunju, 2013 infurmah b'dan Anthony Cassar impjegat tas-Socjeta' attrici ghax sa minn Jannar ta' qabel huwa dejjem kien infurmat minn Jennifer Magro li ghandu jzid l-ordni biex hija tkun tista tikkonvinci lis-Socjeta' attrici li dan il-kuntratt jew ftehim ghandu jigi estiz. Jirrizulta wkoll li hekk kif impjegat tas-Socjeta' attrici certu Stephen Ellul kien ghaddej minn fejn ghandha l-bar s-Socjeta' konvenuta u induna li kienet ghadha ghaddejja bir-reklamar, huwa mal-ewwel ordna lil Victor Aquilina biex jieqaf milli jirreklama.

Illi bhala konsiderazzjoni legali jigi rilevat li l-ftehim ta' bejn il-partijiet tas-sena 2013 jistipula car u tond li tali ftehim jiskadi fil-31 ta' Dicembru, 2013. Hawnhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti:

L-**Artikolu 993 tal-Kodici Civili** jipprovdi li: *Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi*; inoltre;

"f'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghal partijiet kontraenti (Art 992 (1) Kodici Civili Carmelo Bajada mpe vs fr. S. Cachia et noe (A.K.deciz 16 ta' Lulju, 1973);

In regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car ma hemmx loka ghall-interpretazzjoni (Vol XXXIV.i.p27) fejn inghad li "l-

interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghal kwistjoni principali."

Illi ghalkemm jista jaghti l-kaz li tali ftehim kien jigi estiz f'nofs is-sena u kien jibda retorattivament, dejjem jibqa l-fatt li wara l-iskadenza tal-ftehim ta' reklamar tas-sena 2013 li kienet fil-31 ta' Dicembru, 2013 hija baqghet taghmel dan riskju taghha minghajr ma kellha l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Socjeta' attrici sabiex taghmel dan. Li ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-Socjeta' konvenuta li tali ftehim kien gie estiz tacitament ghas-sena 2014 tenut kont li:

L-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc jiddisponi hekk: **114. Jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizel bil-miktub hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita' tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita'.**

Skont l-interpretazzjoni awtorevoli tal-**Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kaz Giuseppe Vella Gatt et v Giuseppe Darmanin et (23.11.1956) citata fil-kaz Mermaid Media Entertainment Limited v GO plc (28.6.2010**) dan l-Artiklou

"*johloq presunzjoni fis-sens li meta ftehim verbali jsir bl-intiza li ghandu jigi redatt bil-miktub u l-iskrittura imbaghad ma ssirx, l-ftehim mhux validu ghax meta gie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jigi mnizzel bil-miktub hu prezunt li l-partijiet riedu jassoggettaw il-validita' tal-ftehim ghat-tharis ta' dik il-formalita*".

Inolre hu ritenut li "*qabel ma tigi ffirmata l-iskrittura ma jistax jinghad li l-ftehim hu perfett* (**Negte Joseph Stellini nominee vs negte Salvatore Debono 14.12.1942) (ara wkoll Pace Bonello et v Malta Hotels and Restaurants Association (App Civ 21.5.2010**).

Fic-cirkostanzi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal li l-eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta ma tistax tigi milqugha ghar-ragunijiet premessi u ghalhekk dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jordna lis-Socjeta' konvenuta thallas is-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u disa' ewro u hamsa u sebghin centzmu (€1,109.75c) bl-imghax bir-rata kif definita fl-Artikolu 26A

tal-Kodici Kummercjali (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u dekorribbli fuq is-somma indikata fuq kull data stabbilita' skont l-Artikolu 26C(3)(a) tal-Kodici Kummercjali u cioe' b'effett minn tletin gurnata wara d-data meta s-Socjeta' konvenuta rceviet kull fattura rispettiva sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**